MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1148/2003

**Maruti Motors Limited
vs**

**Raymond Zarb personalment u ghan-nom ta' Euro Rentals Co Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fis-6 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf u mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm1162.85), dovuti skond tlettax-il kambjala li gew iffirmati minnu u li skadew fit-12 ta' Marzu, 2002, fit-12 ta' April, 2002, fit-12 ta' Mejju, 2002, fit-12 ta' Gunju, 2002, fit-12 ta' Lulju, 2002, fit-12 ta' Awissu, 2002, fit-12 ta' Settembru, 2002, fit-12 ta' Ottubru, 2002, fit-12 ta' Novembru, 2002, fit-12 ta' Dicembru, 2002, fit-12 ta' Jannar, 2003, fit-12 ta' Frar, 2003, u fit-12 ta' Marzu, 2003, izda baqa' ma thallsux u dana nonostante li gie diversi drabi interpellat u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ ittra ufficjjali datata 12 ta’ Marzu, 2003 u hmistax-il lira (Lm15) tal-parir kontra l-konvenut kif ukoll bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta’ kull skadenza, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li konvenut pro et noe baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra l-affidavit prezentat minn Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta` attrici li fih qal li sar il-hlas ta’ l-ammont imsemmi fit-talba u ghalhekk qed icedi l-kawza f’dan ir-rigward, imma qed izomm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar il-meritu, jikkundanna lill-konvenut pro et noe ihallas lis-socjeta` attrici l-ispejjez tal-prezenti proceduri, komprizi dawk ta’ ittra ufficjali datata 12 ta’ Marzu, 2003 u hmistax-il lira (Lm15) tal-parir.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------